StudentBounty.com

**Il-*Benchmark* ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja**

**2013**

**Il-Malti: Il-Fehim mill-Qari**

**Il-Marki: 30 marka**

**Il-Ħin: 50 minuta**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## L-Ewwel Taqsima (10

**Aqra dawn ir-riklami u aħdem l-eżerċizzji ta' warajhom.**

**1.**

# Puliti

**67, Triq il-Kavallieri, Il-Belt**

Inbigħu uniformijiet tal-istudenti,
tal-bankiera, tal-koki u oħrajn.
Inħitu uniformijiet skont ħtiġijietkom.

Żuruna fis-sit elettroniku
www.puliti.com.mt



**2.**

# Battista

Ħwejjeġ tan-nisa għall-istaġuni kollha.
Ħwejjeġ għal kull okkażjoni.

Biex tilbes bħal artista
ejja ixtri għand Battista!

Issibna fi Triq il-Ferrovija, il-Belt,
fuq ix-xellug tal-Bank Antonio.

**3.**

# Ċama Ċama



**22, Triq il-Kavallieri, Il-Belt**

Nispeċjalizzaw f'kotba għat-tfal.
Issibu kotba b'ilsna differenti
għall-iskejjel
u kotba oħra fuq kull suġġett.

Lil min jonfoq iktar minn €20
nagħtuh kalendarju!

**4.**

# Il-Librerija Pubblika tal-Belt

Trid tiffranka l-flus?
Trid taqra l-kotba bil-Malti
u b'lingwi oħra b'xejn?
Mela ejja sal-Librerija Pubblika!

Miftuħin kuljum
mid-9:00 ta' filgħodu sas-7:30 ta' filgħaxija.
Il-Ħadd niftħu sa nofsinhar.

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**A. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.**

**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.** *(3 m*

StudentBounty.com

1. Ċama Ċama jinsab (Birkirkara, **il-Belt**, l-Għasri).
2. Puliti u (Ċama Ċama, il-Librerija Pubblika, Battista) jinsabu fl-istess triq.
3. Ziti tista' tixtri libsa għaliha għall-griżma tat-tifel mingħand (Battista, Ċama Ċama, Puliti).
4. Mil-Librerija Pubblika tista' (tixtri, tbigħ, tissellef) il-kotba.

**B. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi tikteb in-numru fil-kaxxa t-tajba.**

**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.** *(4 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| **1.** | **Il-Librerija Pubblika tinsab** | | sit elettroniku. |
| 2. | Battista jinsab ħdejn | | diversi tipi ta' uniformijiet. |
| 3. | Għand Puliti ssib | | slowgan (*slogan*). |
| 4. | Ir-riklam ta' Puliti għandu | **1** | **il-Belt.** |
| 5. | Ir-riklam ta' Battista għandu | | il-Bank Antonio. |

**Ċ. Poġġi kelma waħda biss fil-vojt, skont is-sens tar-riklami.**

**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.** *(3 marki)*

Is-Sibt li għadda jien u ommi morna **l-Belt** biex nixtru rigal għan-nanna. Wara morna għand Ċama Ċama għax kellna bżonn nixtru żewġ _________________ għall-kuġin. Hemmhekk infaqna €23 u tal-ħanut tana _________________ b'xejn. Wara bqajna sejrin nordnaw l-uniformi tal-bank għal ommi mingħand _________________.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Aqra din l-informazzjoni u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.**

# It-Titjir bl-Ajruplani

***L-Ewwel Parti***

Fil-qedem, il-bniedem kien iħares lejn l-għasafar u jistaqsi bejnu u bejn ruħu jekk għadx itir bħalhom. L-għasafar itiru għax ħfief, għandhom il-ġwienaħ u miksijin bir-rix. Imma l-bniedem la għandu rix, la għandu ġwienaħ, u ġismu tqil wisq biex itir waħdu. Kemm nies dari ppruvaw iwaħħlu r-rix ma' dirgħajhom biex mingħalihom jekk iferfruhom ftit jinqatgħu mill-art! Iżda qatt ma rnexxielhom! **(par. 1)**



Fi żmien bużnannietna, fil-Ġermanja, inventur jismu Otto ħoloq għamla ta' ajruplan żgħir. Għalkemm dan l-ajruplan ma kellux magni, xorta kien itir, bis-saħħa tar-riħ biss. Kien iżomm fl-arja bħalma jagħmlu l-ajruplani tal-karti. Tgħidx kemm kien jieħu pjaċir Otto għaddej qalb is-sħab! Iżda sikwit dawn it-titjiriet kienu jkunu perikolużi. B'kollox huwa għamel 'il fuq minn elfejn titjira b'dan l-ajruplan. Iżda darba, waqt li kien fl-ajru, Otto tilef il-kontroll, u l-ajruplan instabat mal-art. Otto tilef ħajtu bl-ajruplan li ħoloq huwa stess! **(par. 2)**

Dik il-ħabta fl-Amerka kien hemm żewġ inventuri oħra. Dawn kienu l-aħwa Wright. Minn mindu kienu tfal, l-ikbar ħolma tagħhom kienet li jtiru! Qraw kotba fuq kotba dwar it-titjir. U b'riħethom l-aħwa Wright żiedu mħabbithom lejn it-titjir. Fl-aħħar qatgħuha li jxammru l-kmiem. Bdew jagħmlu esperimenti fuq xi tajra tal-karti u fuq bżieżaq kbar. L-aħwa Wright kienu jqattgħu sigħat twal josservawhom u jaraw x'saħħa kellu fuqhom ir-riħ. Wara kienu jmorru ġol-garaxx u jintefgħu jaħdmu fuq dawn l-osservazzjonijiet. Għaddew is-snin, u fl-aħħar, b'ħafna taħbit, **irnexxielhom** joħolqu għamla ta' ajruplan bil-ġwienaħ u bl-iskrun li seta' jtir. **(par. 3)**

www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

## A. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kemm qrajt.

StudentBounty.com

1. Agħti raġuni **waħda** biex turi għaliex l-għasafar jistgħu jtiru. **(par.1)**

______________________________________________

2. Minn **par. 2** sib u ikteb il-frażi li turik li l-ewwel ajruplan żgħir inħoloq ħafna snin ilu.

______________________________________________

3. Biex kien itir l-ajruplan ta' Otto? **(par. 2)**

______________________________________________

4. Immarka ✓ fil-kaxxa li turi liema sentenza hija **vera** skont is-silta. **(par. 2)**

Otto kellu jinżel bl-ajruplan minħabba li waqfitlu l-magna. ☐

Otto waqa' bl-ajruplan li ħoloq huwa stess u kien se jitlef ħajtu. ☐

Otto waqa' bl-ajruplan li ħoloq huwa stess u miet. ☐

5. Għaliex l-aħwa Wright saru jħobbu ħafna t-titjir? **(par. 3)**

______________________________________________

6. Ikteb għal min qed tirreferi **"hom"** fil-kelma **"irnexxiel<u>hom</u>" (par. 3)**.

______________________________________________

7. Minn **par. 3** sib:

a. **nom propju**: ____________________

b. **aġġettiv fis-superlattiv**: ____________________

*(marka kull waħda = 8 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Kompli aqra l-informazzjoni u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.**

***It-Tieni Parti***



Minn żmien l-aħwa Wright sal-lum saru passi ta' ġgant fit-titjir. Jekk inqallbu l-paġni elettroniċi tal-internet, jew il-paġni tal-kotba, naraw ħafna tipi ta' ajruplani. **(par. 4)**

L-iktar ajruplani li aħna mdorrijin naraw huma dawk tal-passiġġieri. Dawn iwasslu  n-nies minn post għal ieħor. Insibu wkoll ajruplani tat-tagħbija, jiġifieri dawk li jgħabbu oġġetti biss. Dawn jistgħu jkunu minn ittri tal-posta sa trakkijiet daqsiex. Insibu wkoll ajruplani tal-gwerra li jintużaw biex jiddefendu l-pajjiżi mill-għedewwa tagħhom. Barra dawn hemm ukoll l-ajruplani tas-salvataġġ li jintużaw l-aktar biex ifittxu nies li jkunu ntilfu f'nofs ta' baħar. Imbagħad insibu ajruplani li jintużaw biex jagħtu spettakli fis-sema. Kull Settembru, hawn Malta, jittella' spettaklu  tal-ajruplani. Fih jieħdu sehem bosta ajruplani mid-dinja kollha u juruna x'akrobaziji għandhom il-ħila jagħmlu **fuq rasna**. **(par. 5)**

Kultant nistaqsu: "Min jaf x'ajruplani se jkun hawn **100 sena** oħra?" Fl-internet insibu salt ritratti u stampi ta' ajruplani hekk imsejħin tal-futur. Uħud minnhom għandhom għamliet mill-iktar strambi. Fost dawn naraw ajruplani ċatti, qishom plattini. Insibu oħrajn b'żaqq enormi li tista' tesa' elf ruħ f'daqqa. Hemm oħrajn qishom tubi. Dawn tant jiġru li jmorru minn Londra sa New York f'nofs siegħa, qisek sejjer minn Malta sa Għawdex. Li hu żgur hu li llum l-inventuri qed iżommu f'moħħhom li l-ajruplan għandu jkun aktar veloċi filwaqt li jħammeġ inqas l-ambjent. **(par. 6)**

Kull meta nitilgħu fuq ajruplan, jew inkella naraw xi wieħed għaddej, niftakru li kien bis-saħħa tal-aħwa Wright u ta' dawk l-inventuri li ġew qabilhom u warajhom li llum nistgħu nivvjaġġaw fis-sema, xi ftit jew wisq bħalma **jagħmlu** l-**għasafar**! **(par. 7)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kemm qrajt.**

StudentBounty.com

1. Minn **par. 4** sib u ikteb l-espressjoni li turi li minn żmien l-aħwa Wright saru żviluppi kbar fl-ajruplani.

    ______________________________________________

2. Għal xiex jintużaw l-ajruplani tas-salvataġġ? **(par. 5)**

    ______________________________________________

3. X'ried ifisser l-awtur meta kiteb "**fuq rasna**" fis-sentenza: "Fih jieħdu sehem bosta ajruplani mid-dinja kollha u juruna x'akrobaziji għandhom il-ħila jagħmlu **fuq rasna**"? **(par. 5)**

    ______________________________________________

4. Semmi vantaġġ **wieħed** li jista' jkollhom l-ajruplani tal-futur. **(par. 6)**

    ______________________________________________

5. Ikteb **fi kliem** in-numru **"100 sena" (par. 6)**:

    ___________________ **sena**

6. Sib **nom fil-plural sħiħ** minn **par. 6**:

    ___________________

7. Agħti **l-għerq** tal-kelma **"jagħmlu" (par. 7)**:

    ___________________

8. Agħti **s-singular** ta' **"għasafar" (par. 7)**:

    ___________________

*(marka kull waħda = 8 marki)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Ċ. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq is-silta kollha *It-Titjir bl-Ajruplani*

StudentBounty.com

1. X'juri fis-silta kollha li l-bniedem baqa' dejjem jiżviluppa l-ajruplan tul iż-żminijiet?

*(2 marki)*

2. Kieku inti kont pilota ta' ajruplan, liema mill-ajruplani msemmija tippreferi ssuq? Għaliex?

*(2 marki)*

**Tmiem il-Karta**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers